# Is-Sajjetti fil-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin

*Guido Lanfranco*

Is-sajjetti ibeżżgħu lil ħafna nies mhux biss għax huma perikolużi, imma wkoll għax b'leħħithom u l-ħsejjes qawwija inisslu t-tkexkix. Fl-ilsien tagħna daħħalna diversi idjomi, fosthom "bħal leħħa ta' berqa", u "qabeż fuqu bħal sajjetta". Għalxejn hemm min jgħid li ma jibżax mis-sajjetti u jisfidahom, għax ħadd ma jista' jagħmlilhom xejn, u aċċidenti nisimgħu bihom ta' spiss. Ma jidhirlix li xi ħadd kiteb fuq dan l-aspett, għalhekk naħseb li din il-ġabra għandha tkun interessanti għal kulħadd.

Drawwiet:- F'diversi funz-jonijiet u festi, għadhom jitqassmu forom ta' l-għaġina jew ħbejżiet bħala devozzjoni, bħalma hu il-ħobż ċkejken ta' San Nikola ta' Bari, fis-Siġġiewi, f'għamla li tidher qisha fjura u l-għażżiel f'għamla ta' rota bin-Nome di Maria fiż-Żebbuġ, Għawdex. Dawn ilhom bosta snin isiru, u issa għadna nerfgħuhom għal xi żmien bħala devozzjoni, imma ta' qabilna, mimlijin fidi, kienu jdendluhom x'imkien fid-dar biex ibiegħedu s-sajjetti jew biex ifarrkuhom f'xi xarba waqt il-mard. L-Agostinjani ta' Għawdex u ta' Malta kienu jagħmlu l-istess għal San Nikola ta' Tolentino, imma jżidu oħrajn għamla ta' stilla jew wkoll għamla ta' figolla ċkejkna li tirrappreżenta lill-qaddis. Waqt il-maltempati bis-sajjetti għad hawn min jgħid: "Santa Barbara, la deni u lanqas ħsara!" għax il-ħsejjes ifakkruna li hi protettriċi tal-bumbardieri li waqqfu fratellanza fil-knisja tagħha l-Belt.

Qniepen:- Billi sa mill-qedem f'bosta artijiet kellhom twemmin u superstizzjonijiet dwar xjaten u spirti ħżiena, kienu jaħsbu li bil-ħsejjes tista' tkeċċihom. Is-sajjetti kienu jqisuhom bħala effett ta' spirti ħżiena, għalhekk id-daqq tal-qniepen, u xi drabi wkoll sparar ta' kanuni, kienu jħaddmuhiom fit-tempesti. Anzi diversi qniepen għandhom kitba fuqhom li tindika dan, bħal eżempju fuq "Mikelina" ta' Ħal

Tarxien li tgħid (mil-latin): "Infaħħar 'l Alla, nsejjaħ il-poplu, niġbor il-kleru, nibki l-mejtin, ingerrex il-maltemp." Sa l-ewwel snin tas-seklu għoxrin kien għad baqa' min iħallas għad-daqq tal-qniepen tal-knisja. Xi familji kienu jżommu qanpiena ċkejkna fid-dar biex idoqquha waqt is-sajjetti. Fir-reġistri ta' spejjeż magħrufin bħala Veneranda lampada li kienu jżommu l-prokurraturi tal-knejjes, sikwit niltaqgħu ma' ħlas lis-sagristan għad-daqq tal-qniepen fis-sajjetti.

M'għandniex xi ngħidu l-maltemp u s-sajjetti ħadd ma jista' jwaqqafhom bil-qniepen u jgħaddu waħedhom; anzi hemm qniepen li laqtuhom is-sajjetti, bħallikieku bi sfida! Fl-1898 sajjetta kissret il-qanpiena tas-santwarju tal-Qala u "Il-qadima" ta' L-Isla kienet intlaqtet fl-1864.

Knejjes milquta:- Fil-limiti tas-Siġġiewi kulħadd jaf li l-knisja tal-Providenza intlaqtet darbtejn, fl-1815 u fl-1816 u l-portiku nbena biex isaħħaħ il-bini mġenġel tal-knisja. Il-knisja parrokkjali, Ħal Lija, ġa maħsusa wara t-terremot tal-1856 intlaqtet fl-1861. Tas-Sliema fl-1971 intlaqtet il-koppla ta' San Girgor. Intlaqtu knejjes oħra, bħal ta' S. Ġakbu f'Ħal Luqa fl-1979. F'Birkirkara l-knisja u l-kunvent S.Alfons tat-Tereżjani ġrawlhom ħafna ħsara bis-sajjetti fl-1959. Il-Belt Valletta fl-1988 il-koppla tal-Karmelitani intlaqtet, fi żmien meta kienet għadha mingħajr kalamita u reġgħet intlaqtet fl-2001. Il-parroċċa ta' L-Imsida fl-1926 laqtitha sajjetta, filwaqt li fl-istess sena tal-1954 fil-Gargur intmessew Taż-Żellieqa, u tal-Bidnija. Fl-Imqabba l-Knisja ta' S. Katarina laqtitha sajjetta fl-1893 u fuq l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli il-knisja ċkejkna ta' Santa Marija Madalena ġibdet sajjetta fl-1936. Fil-Mellieħa ntlaqat il-kampnar tal-parroċċa fl-1995, fil-Ħamrun intlaqtet dik ta' San Gejtanu fl-1975 u fl-1992, fiż-Żejtun il-knisja ta' S. Girgor. F' Għawdex, sajjetta laqtet lil Santa Marija tar-Rabat, kmieni fis-seklu sbatax. Wara li saret kattidral, fl-1924, intlaqgħat minn sajjetta. Fil-knisja parrokkjali ta' Sannat fl-1858 daħlet sajjetta fil-knisja u serrpet sat-tabernaklu u kissritlu l-bieba,

imma għax il-pissidi bl-Ostji ma ġralu xejn il-fidili ddeċidew li kien miraklu, ukoll jekk is-sajjetta għamlet straġi sħiħa!

Nies maqtula:- Niltaqgħu ma' diversi każi ta' nies maqtulin b'sajjetta, u hawn insemmu biss xi ftit minnhom. Fir-reġistri tal-mejtin f'Ħal Lija jidher Bertu Vella li miet b'sajjetta fl-1636. Fil-Mosta lejn l-Imġarr Paul Bezzina ta' 19-il sena sajjetta qatlitu fit-triq f'Nov.1945. Fl-1876, pulizija P.C. Libreri intlaqat waqt li kien fuq ix-xogħol. Rafel Camilleri, Kapuċċin li twieled fl-Għar il-Kbir, Ħal Tartani, limiti ta' Ħad-Dingli, magħruf li ġie Malta minn fejn kien jaħdem fi Sqallija, biex iwaqqaf il-Kapuċċini l-Furjana, spiċċa miet b'sajjetta fi Sqallija fl-1628, meta kien qed ikanta fil-kor!. Fin-Naxxar fl-1637, is-sajjetti qatlu lil Ġlormu Camilleri, mara u tifel. Billi kienet mewta zoptu qalgħet ħafna sinifiteti ta' dawk iż-żminijiet u diffikultajiet dwar jekk jidfnuhomx fiċ-ċimiterju mbierek! Fil-Għasri, Għawdex, xwejħa ta' 80 sena mietet fl-1890, meta laqtitha sajjetta meta kient qed titlob biex jgħaddi l-maltemp, għar-rkobbtejha fuq siġġu! Fl-istess maltempata, f'Kerċem sajjetta xeħtet raġel ma' l-art u miet wara ftit. F'nofs is-seklu dsatax dwar Fra Bernard, eremita li kien jieħu ħsieb il-knisja tal-Ħniena tax-Xewkija, hemm leġġenda li tgħid li ħalliel, biex jista' jisirqu, taparsi mar jitolbu joħroġ jgħin lil missieru waqt il-maltemp għax kien qed imut, u l-eremita qallu li missieru kien ġa mejjet għax laqtitu sajjetta. Milli jidher hekk kien, u l-biċċa serviet ta' kastig għall-ħalliel li jgħidu li kkonverta u daħal ukoll eremit.

Bhejjem maqtula:- Razzett f'Marsaxlokk laqtitu sajjetta fl-1976 u mietu ħames baqriet. Ziemel miet indirettament kawża ta' sajjetta fl-1852. Dan kien fuq il-palk tat-Tijatru Rjal, waqt l-opra Nabucco, ta' Verdi. Meta l-baritonu riekeb fuqu beda jkanta, faqqgħet sajjetta tant bis-saħħa fil-qrib li milli jidher iż-żiemel ħa qatgħa kbira bit-tfaqqiegħa u baqa' mejjet fil post!

Taħlita ta'tkissir u ħsarat oħra Il-Belt fl-1830 b'sajjetta inħaraq l-orgni tal-knisja ta' San Pawl. Fl-1814 u 1845 il-lighthouse ta' Sant' Iermu intlaqtet. Fl-1876, meta d-Duka u d-Dukessa ta' Edinburgh kienu qed jiġu milqugħin malli waslu Malta, sajjetta tajret u kissret l-arblu tal-bandiera ta' fuq Sant'Iermu. Fl-1864 il-kolonna kommemorattiva ta' Ponsomby li kienet ħdejn il-Ġonna ta' Ħastings il-Belt, tkissret b'sajjetta, u billi saret perikoluża ħattewha; issa baqgħet tidher biss il-bażi. Fl-1880 sajjetta daħlet f'xi kmamar u għamlet ħsarat fil-villa tal-barunissa Galea Bonici quddiem il-knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, li issa minflokha hemm bini ieħor. Fl-1996 sajjetta laqtet l-apron ta' l-airport u ħalliet ħofra fil-konkrit. Fl-1953 l-ajruplan Valletta Aircraft kien nqala' biex imur il-Greċja. Dan laqtitu sajjetta, għamlitlu xi ħsara u kellu jerġa' lura. Sajjetta kissret in-niċċa ta' l-Annunzjata f'Tal-Barrani fl-1924 u wara reġgħu bnewha ġdida. Fi triq Wied Merill f'San Lawrenz Għawdex, fl-1958, sajjetta daħlet f'dar u għamlet il-ħsara, ħlief fejn kienu miġbura tal-familja, f'kamra li fuq barra t-triq kellha niċċa ta' San Lawrenz. Fl-1789 sajjetta laqtet u ħarqet l-osservatorju ta' l-astronomija li kien hemm fit-turretta tal-palazz li kien stabbilixxa l-Gran Mastru fl-1782-3. Fl-1991 sajjetta għamlet ħsara ġmielha fl-Istitut Kattoliku, l-Furjana u kellhom iwaqqfu x-xogħol sakemm issewwew il-ħsart fl-elettriku u t-tagħmir. Sajjetta laqtet il-Villa Carolina tas-sorijiet Franġiskani fl-Imġarr ta' Malta u kellhom imorru joqogħdu fil-post ta' L-Azzjoni Kattolika sakemm isiru t-tiswijiet. Is-salib tal-ġebel tas-sorijiet Dumnikani tar-Rabat Għawdex saritlu l-ħsara b'sajjetta fl-1997. Imħażen fl-Imrieħel, ta' Grima Furniture, wara l-fabbrika ta' Farsons, ħadu n-nar minħabba sajjetta. Fil-maltempata ta' Jannar tal-1954, żewġt idjar intlaqtu mis-sajjetti, palma ħadet in-nar fi ġnien fil-Qrendi u fil-Gargur saret ħsara fil-knisja ta' Santa Marija. Fl-1994 sajjetta laqtet iċ-ċentru ta' l-elettriku li jħaddem il-provista bejn il-Mellieħa u Għawdex, u nħoloq ħafna qtugħ. Fis-sena 1993 sajjetta laqtet ir-receivers tal-Madliena u St.

Andrew's u t-tiswijiet ħadu jumejn. Fl-2002 sajjetta laqtet u qasmet reservoir fil-Wardija u l-ilma li ħareġ minnu għamel ħsarat fir-raba' tal-qrib. F'maltempata oħra fl-1966 sajjetta tajret il-ponta ta' Spencer Monument fil-Blata l-Bajda l-Furjana kif ukoll fi djar fl-istess inħawi u fi Mdina Road Ħal-Qormi. F'Settembru 2003 sajjetta oħra laqtet u splodiet parti mill-kamra tan-nar ta' San Bastjan f'Ħal Farruġ Ħal Qormi.

Ħsarat minn bħal dawn joħolqu uġigħ ta' ras għad-diversi organizzazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni. Dawn ta'sikwit jagħmlu seminars biex jiddiskutu l-effetti tal-ħsarat tas-sajjetti fuq xogħolhom, għax kull sena jkollhom mijiet ta' claims u ħlasijiet ta' eluf. Jagħmlu wkoll kalkoli dwar is-sajjetti f'Malta u bejn wieħed u ieħor jaħsbu li fil-gżejjer tagħna jkollna medja ta' 22.4 jum sajjetti f'sena b'mill-anqas berqa waħda kull kilometru kwadru. Jgħidu wkoll li f'Malta jkollna bejn 20 u 29 maltempata bis-sajjetti (Thunderstorms) kull sena, filwaqt li f'Londra jkollhom biss 0.6!


VASSALLO
MARBLE WORKS

GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL
BĦAL TURĠIEN, UĊUH TA' BANKIJIET
TAL-KĊINA U PAVIMENTI

*Irrikorru għand:*
*Arzella, Triq 1 ta' Jannar 1626, Għaxaq*
*Tel: 2182 0306*